# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 293/2022 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Mario Xiberras**

**Illum 10 ta' April, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijet imressqa fil-konfront ta' Mario Xiberras, bin Joseph Xiberras u Josephine nee' Camilleri, imwieled fit-30 ta' Lulju 1954, karta tal-identità numru 47754G li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

"*Billi int akkużat talli fid-19 ta' April 2022 għall-ħabta tal-13:10hrs waqt li kont qed issuq vettura bin-numri tar-reġistrazzjoni DCO031 ġewwa Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Rabat – Għawdex;*

1. *B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew profession tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dorota Sylvia Domanska, u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli 218 tal-Kodiċi Kriminali bi ksur tal-artikolu 226(1)(a) Kap 9;*

2. *Soqt il-vettura tal-għamla Nissan bin-numru ta' Reġistrazzjoni DCO031 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont Perikoluża u bla kont. Art 15(1)(a) Kap 65.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiet u dan skont l-artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku*

**Semgħet** ix-xhieda kollha prodotta;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti;

**Rat** l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta;

**Semgħet** it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex tevalwa l-mertu ta' dan il-każ, sejra fl-ewwel lok tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-punt imqajjem mid-difiża fl-istadju tat-trattazzjoni finali. Il-legali tad-difiża saħaq li l-inċident ġie indikat li seħħ fi triq l-Arċisqof Pietru Pace. Madanakollu, huwa saħaq li l-inċident ma seħħx f'dik it-triq, iżda l-post li kellu jiġi indikat fiċ-ċitazzjoni kellu jkun proprju t-triq li fiha hemm il-gate tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Id-difiża saħqet li dik it-triq jisimha Triq id-Donaturi tad-Demm. Ġie għalhekk argumentat li fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, ma ġara l-ebda inċident.

Fil-kawża Il-Pulizija vs Ruben Callus deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Settembru 2024, intqal:

"*Issa huwa indubitat illi l-parti fejn il-vittma kien qed jaqsam it-triq, u spiċċa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-appellat, hija dik il-parti fejn tibda Triq it-8 ta' Diċembru u allura fejn tispiċċa Triq Santa Tereża. Kwindi l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi l-inċident seħħ f'xi lok differenti minn dak indikat fiċ-ċitazzjoni. Ibda biex il-post ewlieni imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa dak indikat bħala fil- "Gżejjer Maltin" b'iktar 'il quddiem imbagħad hemm indikata Triq Santa Tereża. Illi allura meta l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-appellat b'akkużi marbuta mal-qtil involontarju ta' persuna fejn hemm indikat id-data u il-ħin meta seħħ l-inċident mertu tal-każ, bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi l-post huwa indikat ħażin bħala Triq Santa Tereża, meta l-impatt bejn il-vettura u il-pedestrian seħħ proprju viċin dak il-punt fit-triq fejn Triq Santa Tereża f'dak iż-żmien kienet tingħaqad ma' Triq it-8 ta' Diċembru, f'Bormla. Ma hemm ebda żball fl-indikazzjoni tal-lok fejn seħħ is-sinistru u dan għaliex huwa proprju fl-istess lok li ssir referenza għalih fiċ-ċitazzjoni għalkemm f'dik il-parti speċifika fejn seħħ l-impatt Triq Santa Tereża, kif ingħad tingħaqad ma' Triq it-08 ta' Diċembru, u l-provi kollha jindikaw l-istess lok. Li kieku l-isem tat-triq kien jindika lok għal kollox differenti, l-appellat kien ikollu raġun ġaldarba l-Prosekuzzjoni ma tkun talbet ebda korrezzjoni fil-mori, iżda mhux il-każ f'dawn il-proċeduri fejn il-lok huwa l-istess u faċilment identifikabbli bħala l-istess wieħed indikat fiċ-ċitazzjoni, tant illi l-appellat kien f'posizzjoni jressaq id-difiża tiegħu. Kwindi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din il-lanjanza minnu ventilata u li allura jisthoqqilha akkoljiment.*"

Din il-Qorti qieset l-atti kollha in eżami. Jidher li fuq ir-rapport tal-pulizija esibit f'dawn l-atti, hemm indikat bil-lapes li isem it-triq mhijiex Triq l-Arċisqof Pietru Pace, iżda hija Triq id-Donaturi tad-Demm. Din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li Triq l-Arċisqof Pietru Pace hija triq ferm itwal, u li hija t-triq li mbagħad tmiss ma' Triq id-Donaturi tad-Demm, li bażikament hija t-telgħa li twassal għall-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u għal fejn hemm il-gate li minnha tidħol għal ġol-istess sptar.

Mix-xhieda prodotta jirriżulta li l-allegat inċident seħħ fejn il-gate tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Minn imkien ma rriżulta li seħħ xi inċident stradali fi triq l-Arċisqof Pietru Pace. Din il-Qorti tqis li fejn allegatament seħħ l-inċident li fih sfat feruta l-parte civile ma kienx fi Triq Arċisqof Pietru Pace, u lanqas ma kien fejn din it-triq tispiċċa u tkun għadha qed tibda Triq id-Donaturi tad-Demm. L-allegat inċident seħħ f'parti ferm iktar 'il bogħod minn Triq Arciqof Pietru Pace, għaliex mix-xhieda rriżulta li dan l-allegat inċident seħħ fejn hemm il-gates li minnhom tgħaddi biex taċċedi għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Illum stess ingħatat sentenza wkoll fir-rigward tas-sewwieq tal-mutur involut f'dan l-inċident stradali, fejn l-istess ġie liberat, peress li l-ħin tal-allegat inċident ġie indikat ħażin fiċ-ċitazzjoni. Il-Qorti tagħmel tagħha dik il-ġurisprudenza kollha li għamlet referenza għaliha f'dik il-kawża li ġġib l-isem Pulizija vs Dariusz Sebastian Domanski. Jibqa' l-fatt li l-Prosekuzzjoni kellha kull fakoltà li titlob korrezzjoni fil-post indikat, iżda din baqgħet qatt ma għamlet tali talba.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 L.S. 65.18 Art. 36B u fil-65.18 Sitt Skeda, u Artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib lil Mario Xiberras ħati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu stante li l-post tal-allegat inċident ġie indikat b'mod ħażin fuq il-komparixxi u t-taħrika tal-kawża.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**